MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 894/2003

**Atlas Insurance Agency Limited bhala rapprezentanta tas-socjeta estera AXA Insurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha M. Demajo (Timbers) Limited**

**Vs**

**M.M.S. Ltd bhala agent tas-socjeta estera Flanonia Shipping Co. Kingstown armature u/jew noleggjatur tal-bastiment "Carinthia" u The Cargo Handling Co. Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta Mejju 2003 fejn intalab li l- konvenuti jew min minnhom ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' tmien mija u tmienja u tletin lira tmienja u disghin centezmu (Lm838.98) rapprezentanti valur ta danni minnha zborsat favur l-assikurat taghha M Demajo (Timbers) Ltd bhala kumpens wara li din garbet nuqqas ta

zewg bundles injam minn konsenja ta disgha u tletin bundle li waslu Malta fis-7 ta Ottubru 2002 fuq il-bastiment Carinthia ghal liema hlas is-socjeta attrici kienet giet debitament surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha u ghal liema nuqqas huma responsabbli l-imsemmija socjetajiet konvenuti jew min minnhom.
Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-konvenuti jew min minnhom minn-notifika ta dan l-avviz.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta MMS Ltd datata 23 ta Mejju 2003 fejn gew kontestati t-talbiet attrici fil-konfront taghha peress illi hija ma kienitx responsabbli ghan-nuqqas in vista tal-fatt li l-merkanzjija kienet waslet kollha hawn Malta. Salve eccezzjonijiet ohra.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited datata 3 ta Gunju 2003 fejn eccepiet qabel xejn li s-socjeta attrici ghandha tipprova li l-merkanzija waslet kollha ghand is-socjeta konvenuta u li n-nuqqasijiet graw meta kienet taht il-kontroll ta l-istess socjeta konvenuta. In oltre cahdet kul tip ta responsabbilita peress li dejjem qdiet l-obbligi taghha u kif ukoll li l-ammont pretiz kien eccessiv. B’riserva ghall-eccezzjonijiet ohra.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Ra u ezamina n-nota ta osservazzjonijiet prezentati mis-socjeta attrici u mis-socjeta konvenuta M.M.S. Ltd.

Ikkunsidra.

Illi skond id-dokument esebit a fol 13 tal-process ghandu jirrizulta li l-assikurat tas-socjeta attrici kienet irrappurtatilhom nuqqas ta zewg bundles injam kif jidher minn Gate Pass out numri 133198, 133235, 133199 u 133229 tal-valur ta Lm838.98.

Illi skond id-dokument esebit  a fol 27 tal-process ghandu jirrizulta li sa dan l-istadju l-bundles kienu kollha prezenti. L-istess jirriulta mir-release order a fol 28 tal-process, mid-dokumenti sussegwenti u kif ukoll mill-bill of lading a fol 35

tal-process. Illi mid-dokumenti maghrufa bhala gate pass out rilaxxjati mis-socjeta konvenuta The Cargo Handling Co Ltd esebiti a fol 36 sa a fol 39 tal-process jirrizulta pero li nhargu minnghandhom 37 bundle u mhux 39 bundle cioe b'nuqqas ta tnejn filwaqt li skond il-Hatch list a fol 40 tal-process jidher car li kienu tghabbew 39 bundle. Dawn id-dokumenti kollha li tresqu bhala prova mis-socjeta attrici gew ikkonfermati bil-gurament minn Brian Valenzia fix-xhieda tieghu u kif ukoll minn Mario Buttigieg. In kontro-ezami x-xhud Valenzia jispjega li l-merkanzija taqa f'idejn il-cargo handling hekk kif tinzel minn fuq il-vapur u tibqa ghandhom sakemm tigi rilaxxjata lill-klijent.

Carmelo Anastasi raprezentanti tas-socjeta konvenuta MMS Ltd jikkonferma li skond it-tally sheets ghandu jirrizulta li minn fuq il-vapur fil-fatt gew zbarkati 39 bundle mhux 37 u minn dak il-mument il-quddiem din il-merkanzija tkun fil-pussess u kontroll tal-Cargo handling. Peter Bonello li xehed ghal Cargo Handling jaqbel mal-korrettezza ta tali procedura. Jesebixxi wkoll bhal Dok PB9 a fol 61 tal-process dokument li juri li minnghandhom inhareg 37 bundle meta suppost kien hemm 39 bundle xoghol.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li kienet is-socjeta konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd unikament responsabbli ghan-nuqqas ta zewg bundles injam li naqqsu li jigu konsenjati lis-socjeta assikurata mas-socjeta attrici, kwindi filwaqt li tichad l-eccezzjonijet sollevati mis-socjeta konvenuta The Cargo Handling Co Ltd, takkolji l-eccezzjonijiet imqajma mis-socjeta M.M.S. Ltd u konsegwentement ghalhekk tikkundanna lis-socjeta konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd thallas lis-socjeta attrici s-somma mitluba ta Lm838.98 bl-imghaxijiet legali dekorribbli kontra taghha mid-data tan-notifika ta dawn il-proceduri u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess socjeta konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------